

Brussell, 14 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11037/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0200(NLE)

TRANS 474
RELEX 951

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10421/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew – Qbil fil-prinċipju

1. Il-Kummissjoni rċeviet mandat fit-2 ta' Ġunju 2022 li skontu l-Kummissjoni fetħet negozjati mal-Ukrajna biex tikkonkludi Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-imsemmija negozjati.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna. Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fis-27 ta' Ġunju 2022. Il-Ftehim ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2022 u ilu japplika b'mod proviżorju minn dakinhar.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Lulju 2022¹.

¹ *ĠUL 179, 7.7.2022, p. 4.*

4. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna.
5. Bil-ħsieb tat-tnejjja għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 10461/22, kif ukoll it-test tal-Ftehim li jinsab fid-dokument 10151/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
